# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


---

25 ta' Settembru, 2012

# Minuti tal-laqgha 07(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 07(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru, 2012 fil-hamsa ta' filghaxija (5:00pm).

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Kunsillier Anton Gellel u l-Kunsillier Lawrence Attard

Il-laqgha bdiet fil-hamsa u kwart ta' filghaxija (5:15pm) minhabba nuqqas ta' quorum.

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, nghaqqad ghal laqgha fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija (5:20pm). Kien skuzat mil-kamra fis-sitta ta' filghaxija (6:00pm) u rega' nghaqqad ghal laqgha fi sitta u ghoxrin (6:20pm) Is-Sur Mizzi, telaq mil-laqgha fi tmienja u ghaxra ta' filghaxija (8:10pm)

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi sitta u nofs ta' filghaxija (6:30pm) u gie skuzat mil-laqgha fi tmienja neqsin ghoxrin (7:40pm)

Is-Sindku nnotifika li minkejja kien hemm kunsilliera li talbu li l-laqgha tal-Kunsill, issir kmieni, jigifieri fil-hamsa ta' filghaxija (5:00pm) xorta dawn ma kienux prezenti ghal laqgha fil-hin.

## Talba.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.2 (06/06) Uzu taz-zona ta' Couvre Porte ghal attivitajiet bhala tigijiet, parties.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera li s-Segretarja Ezekuttiva bghatet kopja *draft* tal-ftehim ghal uzu taz-zona ta' Couvre Porte ghal attivitajiet bhal tigijiet, parties etcc. Is-Sindku

qal li l-Kunsilliera huma mitluba jaghtu l-kummenti taghhom u jibghatuhom lil Kunsill mil-aktar fis. Is-Sindku zied jghid li sakemm ikun hemm ftehim tajjeb, Couvre Porte ma jistax jinkera.

1.3 <u>Item 2.5(06/06) Memo 26/2012 – Car Free Day</u>

Is-Sindku informa lil Kunsilliera dwar l-attivita tal-"Car Free Day" li saret il-Hadd 16 ta' Settembru, 2012. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta rendikont ta' din l-attivita

1.3 <u>Item 2.1 (06/06) Monument f'Gieh Mons. Mikiel Gonzi</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Kapitlu tal-Knisja Kollegjata ta' San Lawrenz, wara t-talba li saret mil- Kumitat ghat-Titjib tal-ambjent sabiex issir Monument f'Gieh Mons. Mikiel Gonzi, l-istess Kapitlu xtaq li l-monument isir gewwa (fil-Knisja), izda meta l-Kunsill nforma lil Kumitat ghat-Titjib ghal ambjent, l-istess Kumitat ma accetax din it-talba. Is-Sindku zied jghid li l-Arcipriet ser jerga' jiddiskuti l-proposta mal-Kapitlu.

1.4 <u>Item 2.7 (06/06) Gemellag mal-Villagg ta' Belvi, f'Sardegna</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li r-rapport tal-gemellag mal-Villag ta' Belvi, f'Sardegna kien ntbaghat ghal l-attenzjoni tas-Sinjura Lorraine Micallef, fi hdan id-Dipartiment ghal Kunsilli Lokali sabiex min-naha tad-Dipartiment jigi approvat dan il-gemellag.

1.5 <u>Item 2.9 (06/06) Stedina ghal konferenza "International Historic Towns" gewwa Dubrovnik fil-Kroazja.</u>

Is-Sindku pprezenta stedinal mil-*International Association of Historic Towns*, sabiex il-Kunsill jattendi ghal l-konferenza ta' l-istess Assocjazzjoni li ser issir gewwa Dubrovnik fil-Kroazja, bejn l-4 u l-5 t'Ottubru, 2012. Is-Sindku qal li ghal din il-konferenza ser jattendi hu, flimkien mal-kunsillier Anton Gellel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 <u>Item 2.10 (06/06) Nicca tal-Madonna tad-Duluri fil-Main Gate ta' Couvre Porte</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li z-zewg pitturi bil-gwarnic tal-fidda li kien hemm fuq iz-zewg nahat ta' l-inkwatru tad-Duluri fil-Main Gate, qeghdin ghand il-Perit Charles Buhagiar. Is-Sindku zied jghid li l-Perit nforma lil Kunsill li dawn il-pitturi qeghdin jigu rrestawrati. Hawnhekk, bi qbil unanimu, il-kunsilliera qabli li l-Kunsill ghandu jesigi li jkun jaf fejn dawn iz-zewg pitturi qeghdin jigu restawrati u meta ser jitpoggew f'posthom.

1.7 <u>Item 3 (06/06) Is-Settur kummercjali</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li t-Tnejn 17 ta' Settembru, 2012, saret laqgha mas-Supretendent s-Sur Carmel Bartolo, fejn giet diskussa l proposta biex il-pjazza tinzamm hajja. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mal-kummisarju tal-Pulizija, kif ukoll ma' rapprezentat tal-MEPA, MTA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet, biex tkun tista' tigi diskussa l-proposta tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>**2. Korrispondenza**</u>

2.1 <u>USB Business Cards tal-Kunsill Lokali tal-Birgu</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghal l-attenzjoni tal-Kunsill l-USB business cards li l-Kunsill ghamel liema USBs jistghu jigu mimlija b'informazzjoni dwar il-Kunsill kif ukoll b'filmati u ritratti.

2.2 <u>*Europeam Citizenship in Youth Training Course* gewwa l-Kroazja</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsill li r-rapport ppreparat mil-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi dwar l-*European Citizenship in Youth Training Course* li sar gewwa l-Kroazja bejn il-11 u s-17 ta' Gunju, 2012, gie approvat mil-Agenzija programme tal-Unjoni Ewropea (EUPA)

2.3 <u>After School Programme</u>

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sinjura Marcon Cassar ko-ordinatrici fi hdan l-Kunsill Malti ghall-Isport, fejn nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar il-preparamenti li qeghdin isiru ghall-***"After school sport programme"***, liema programm ser jibda jsir ghat-tfal ta' l-Iskola Primarja Santu Rokku u li jibda f'nofs Ottubru u jispicca f'Mejju.

2. 4 <u>Kaz il-Kunsill Lokali tal-Birgu kontra s-Sur Paul Cutajar.</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera dwar il-kaz li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu kontra s-Sur Paul Cutajar, u tah rendikont tal-kaz li hemm il-qorti. Is-Sindku zied jghid wara diskussjoni ma' l-avukata tal-Kunsill Dr. Alexandra Mizzi, nfurmat lil Kunsill dwar il-possibilitajiet tal-Kunsill rigward din il-kawza, fejn il-Kunsill qieghed isostni li m'ghandux ihallas l-ammont ta' € 2861.18 f'*default notices* li nhargu fil-konfront ta' din il-kumpanija. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, sostna li l-Kunsill ghandu jghati l-ammont dovut lil din l-kumpanija jigiieri dak ta' € 2215.15, izda titkompla l-procedura l-qorti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 <u>Korrispondenza mil-Partit Laburista</u>

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Kap ta' l-Opozizzjoni, l-Onorevoli Dr. Joseph Muscat, fejn ghan-nom tal-Partit Laburista, irringrazzja lil Kunsill ghas-sehem tieghu fil-funeral tal-ex Prim Ministru u Ex Mexxej tal-Partit Laburista l-Perit Dom Mintoff, li sari l-Hamis 23 t'Awwissu, 2012.

2.6 <u>Korrispondenza mil-Fondazzjoni Tyr</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezzenta korrispondenza mibghuta mil-President tal-Fondazzjoni Tyr, is-Sinjura Maha El-Khalil Chalabi, fejn infurmat lil Kunsill li bejn t-22 u l-25 ta' Novembru, 2012, l-Fondazzjoni Tyr ser torganizza l-forum "League of Canaanite, Phoenician and Punic Cities" gewwa l-belt ta' Cadiz fi Spanja. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li ghal din il-konferenza, l-fondazzjoni qedgha toffri l-akkomodazzjoni ghas-Sindku ghal partecipazzjoni tieghu f'din il-konferenza b'xejn. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-kunsill juri interess li jippartecipa f'din il-konferenza izda jinforma lil din il-Fondazzjoni li barra li jattendi s-Sindku, l-Kunsill jixtieq li jattendi ukoll rapprezentant iehor. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Talba ghal filming gewwa l-Berga ta' l-Ingilterra

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta talba minghand is-Sur Alan Cassar, direttur tal-Programm "Klassi Ghalina", fejn talab permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex nhar il-Gimgha 21 ta' Settembru, 2012 issir *filming* ta' episodju mil-programm "Klassi Ghalina". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 *Storytelling* mil-Fondazzjoni ghas-Servizzi Edukattivi gewwa l-librerija regjonali fil-Birgu

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Librerija Centrali fejn nfurmat lil Kunsill dwar servizz li l-Fondazzjoni ghas-Servizzi Edukattivi jixtieq joffri fil-libreriji madwar Malta sabiex jinghata servizz ta' *Storytelling.* Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill juri l-interess sabiex jippartecipa f'din l-iskema. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Partecipazzjoni fl-edizzjoni ta' Xarabank fi 12 t'Ottubru, 2012

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill gie mistieden sabiex fi 12 t'Ottubru, 2012, jippartecipa fl-edizzjoni ta' Xarabank fejn ghaliha ser jigu mistiedna ukoll r-residenti tal-Belt tal-Birgu biex tinghata promozzjoni lil l-attivita tal-Birgufest 2012 li ser issir bejn id-19 u l-20 t'Ottubru, 2012.

2.10 Ittra ta' ringrazzjament minghand is-Sinjorina Ritianne Stanyer

Is-Sindku pprezenta ittra ta' ringrazzjament minghand is-Sinjorina Ritianne Stanyer ghal partecipazzjoni tal-Kunsill fil-fiera nazzjonali tal-kotba li ser issir f'Novembru, 2012, bil-glossarju Germaniz/Malti – Malti/Germaniz.

2.11 Farmer's Market fil-Belt tal-Birgu

Is-Sindku, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill ittra li l-istess Kunsill kien bghat lil Onorevoli Minsitru George Pullicino, Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarjiet Rurali, fejn ghal darb'ohra il-Kunsill talab sabiex fil-belt tal-Birgu jibda jigi organizzat is-Suq tal-Bdiewa (Farmer's Market). Is-Sindku zied jghid li l-kunsill sal-llum ircieva biss *acknowledgement letter*.

2.12 Ittra lil Kumitat Festi Esterni San Duminku fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lis-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Duminku, s-Sur Pawlu Farrugia, fejn is-Sindku wera d-dispjacir tieghu ghal mod ta' kif fil-messagg tieghu bhala Sindku tal-Birgu, fil-ktieb tal-Festa gie mizjud il-kliem "fl-okkazzjoni tal-festa ta' Missierna San Duminku. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta r-risposta mibghuta mis-Sur Pawlu Farrugia, fejn ghan-nom tal-Kumitat skuza ruhu ghall-izball li sar fil-konfront tas-Sindku s-Sur John Boxall.

2.13 Kaz imressaq quddiem il-bord ta' Governanza Lokali mil-Kumpanija Dimbros Ltd. kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Is-Sindku pprezenta ghal l-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport kif ukoll id-decizjoni tal-bord tal-Governanza Lokali dwar il-kaz imressaq quddiem l-istess bord mil-kumpanija Dimbros Ltd. kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu..

2.14 <u>Kwotazzjoni ghal computer</u>

Il-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill tlett kwotazzjoni ghal *computer* gdid ghal uzu mis-Sinjura Moira Azzopardi, skrivana mal-kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ipprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija "IES Computers Ltd" ghal prezz ta' € 297.71, kwotazzjoni minghand il-kumpanija " Microchip Computers" ghal prezz ta' € 320 u kwotazzjoni minghand il-kumpanija "ScanMalta" ghal prezz ta' € 476.11.Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta dik tal-kumpanija "IES computers Ltd." Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>Rendikont ta' l-attivita ta' Jum il-Birgu</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghal l-attenzjoni tal-Kunsill, rendikont ta' l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2012. Is-Sindku qal li ghal din l-attivita, l-Kunsill ircieva l-ammont ta' € 900 f'donazzjonijiet, filwaqt li l-ispiza ghal din l-attivita kienet ta' € 1164.50. Is-Sindku zied jghid li fit-totalita taghha, din l-attivita swiet lil Kunsilll-ammont ta' € 264.50. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza li l-Kunsill bghat lil Kumitat Festi Esterni San Duminku, l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own, Ghaqda Zghazagh Dumnikani, Patrijiet Dumnikani u lis-Sur Emanuel Spagnol, fejn il-Kunsill talab spjegazzjoni ghan-nuqqas tal-presenza taghhom ghal quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkazjoni ta' Jum il-Birgu li saret il-Hamis 6 ta' Settembru, 2012.

## 4. <u>L-attivita tal-BirguFest 2012</u>

Is-Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivita tal-BirguFest 2012 li ser issir fid-19 u l-20 t'Ottubru, 2012. Hawnhekk, is-Sur Boxall, Sindku, pprezenta kopja tal-poster ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku, s-sur John Boxall, pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sindku ta' St. Tropez, s-Sur Jean-Pierre Tuveri, fejn nforma lil Kunsill li l-belt ta' St. Tropez, accetat l-istedina tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex jattendu ghal l-attivita tal-BirguFest 2012, fejn dak in-nhar jigi ffirmat il-ftehim ta' kooperazjoni bejn iz-zewg t'Ibliet ghal beneficcju taz-zewgt portijiet, dik tal-Belt Franciza ta' fama mondajali u dik tal-Belt Marittima Kapitali tal-Gzejjer Maltin. Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex l-iffirmatr tal-ftehim issir nhar is-Sibt 20 t'Ottubru, 2012 fil-gurnata ta' wahda mil-akbar attivitajiet li jsiru f'Malta, dik tal-*Birgu By Candlelight*. Ghal din ic-cerimonja, s-Sindku ssugerixxa li jigu mistieda l-Prim Ministru, il-Kap ta' l-Opozizzjoni u d-Deputati tad-Distrett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. <u>Tkomplija tax-xogholijiet fil-Berga ta' Franza</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xogholijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza fejn fil-prezent beda x-xoghol fl-entrata u fil-kontra-entrata. Is-Sindku zied jghid li sa l-

attivitajiet tal-BirguFest 2012, l-irhama bil-logo tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fl-entrata u d-dawl fl-entratura principali ser ikunu lesti.

## 6. Approvazzjoni tal-progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tal-progetti parti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-ghajnuna ta' diversi assocjazzjonijiet u Kunsilli Lokali ohra qed japplika ghalihom. Is-Sindku tah rendikont ta' dawn il-progetti :

a. Il-progett ***"Connecting Towns and generations through dialogue, culture and traditional games"*** liema progett ser issir bejn il-Belt tal-Birgu u l-Villaggta' Belvi fi' Sardegna taht il-programm "Europe for Citizens". Is-Sindku zied jghid li dan il-progett gie approvat u l-implimentazzjoni tieghu ser issir bejn il-11 u s-17 ta' Dicembru, 2012.

b. Il-Progett ***"Open the Door".*** Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill flimkien mal-belt ta' Belvi qieghed japplika ghal progett taht il-programm "Youth in Action" sabiex l-istess Kunsill jippartecipa f'*Youth Exhange* li qed tigi organizzata mir-rahal ta' Belvi f'Sardegna. Is-Sindku zied jghid li jekk dan il-progett ikun wiehed ta' success, l-implimentazzjoni tieghu ser issir bejn l-4 u l-11 ta' Mejju, 2013. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

c. Il-Progett ***"MedHiCEN".*** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bl-ghajnuna ta' l-assocjazzjoni ALDA, il-Kunsill kien wera interess li jippatecipa fil-progett "MedHiCEN", taht il-programm "MED", liema progett ntghazel mil-ewwel fazi ta' l-evalwazzjoni ghal progetti maghzula biex jigu approvati.

d. Il-progett ***"E-Democracy".*** Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li bl-ghajnuna ta' l-assocjazzjoni ALDA, il-Kunsill kien applika ghal dan il-progett taht il-programm "Youth in Action".

## 7. Party ghat-tfal fl-okazzjoni tal-Milied

Il-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Party ghat-tfal fl-okkazjoni tal-Milied issir fl-14 ta' Dicembru, 2012 fis-sala fil-Berga ta' Franza u l-prezz ghal din l-attivita jkun ta' € 8. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Decizjoni dwar Tender PPP 03/12 – Sejha ghal offerti ghal kisi mil-gdid tat-toroq taht l-iskema PPP

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsill li ghal din is-sejha ta' l-offerti li nghalqet fi 17 t'Awwissu, 2012, sfortunatament hadd ma applika ghal din l-offerta. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li din kienet il-hames darba li l-Kunsill hareg din is-sejha u ssugerixxa sabiex din is-sejha terga' tinhareg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. Decizjoni dwar tender RM 04/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jghatu access biss u toroq pedonali

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsill li ghal din is-sejha ta' l-offerti li nghalqet fi 17 t'Awwissu, 2012, sfortunatament hadd ma applika ghal din l-offerta. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din is-sejha terga' tinhareg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10. Decizjoni dwar Tender SWD 05/12 – Installazjoni ta' katusa ghall-ilma tax-xita b'*directional drilling***

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsill li t-Tender SWD 05/12 ghall-installazjoni ta' katusa ghall-ilma tax-xita b'*directional drilling* kienet harget u ghalqet fi 17 t'Awwissu, 2012, u ghal din is-sejha applika biss l-kumpanija Hydrorocks Contractors Co. Ltd. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta u jilqa' din l-applikazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**11. Decizjoni dwar Tender AWH 06/12 Xogholijiet ta' asfaltar fil-parkegg ta' Fuq tal-Hawli**

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tender AWH 06/12 ghal xogholijiet ta' asfaltar fil-parkegg at' Fuq tal-Hawli ghalqet fi 17 t'Awwissu, 2012, u ghal din s-sejha l-Kunsill ircieva zewg offerti, dik minghand il-kumpanija Polidano Bros Ltd, ghal prezz ta' € 16, 847.10, kif ukoll dik mil-kumpanija Asphaltar Ltd. ghal prezz ta'€ 18,961.05. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna l-*adjudication report* minghand il-Perit Marvin Ellul, l-perit responsabli min dan il-progett, izda ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**12. Decizjoni dwar Tender AS 07/12 Provista, installazjoni, ittestjar u Kummisjoni ta' sistema ta' *airconditioning* fil-Berga ta' Franza**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tender AS 07/12 ghal Provista, installazjoni, ittestjar u kummisjoni ta' sistema ta' *airconditioning* fil-Berga ta' Franza, ghalqet fi 17 ta' Awwissu, 2012 u ghal din is-sejha, l-Kunsill ircieva biss offerta wahda, dik tal-Kumpanija Panta Marketing & Services Ltd. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din l-offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**13. Affarijiet Ohra**

13.1 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 8:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghat-Tnejn 1 ta' Ottubru, 2012.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello — ikkonfermati — John Boxall
Segretarja Ezekuttiva — Sindku